MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 21/2007

Joseph Borg u Lawrence Borg

vs

L-Avukat Dottor Chris Said li b'digriet tat-8 ta' Marzu 2007, gie mahtur kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefra Jasna Deitieck

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :-

"Peress illi l-atturi offrew servizz ta' *garaging* lill-konvenuta ghall-vettura taghha ghal dawn l-ahhar tliet snin, ghal liema servizz huwa dovut hlas fis-somma ta' elf u hamsin liri Maltin (Lm1,050).

Tghid il-konvenuta ghal fejn m'ghandhiex tigi kkundannata minn dan it-Tribunal li thallas is-somma ta' elf u hamsin liri Maltin (Lm1,050) kif fuq dovuti.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni, u bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Frar 2007.”

Ra r-risposta ta’ l-Avukat Dottor Chris Said mahtur kuratur deputat tal-assenti li tghid hekk :-

“Illi l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghal dan l-avviz, u ghalhekk filwaqt li jirrizerva li jipprovdi eccezzjonijiet ulterjuri meta jaghmel kuntatt mal-imsiefra Jasna Deitieck, jirrimetti ruhhu ghall-gudizzju ta’ dan it-Trubunal.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Sama’ il-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Sama’ lill-abbli difensur tal-atturi;

Ra li l-kuratur deputat ghall-konvenuta assenti rrimetta ruhhu ghall-atti;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra :

Mill-atti jirrizulta li fis-sena elfejn u erbgha (2004), kien sar ftehim bejn il-konvenuta u l-attur Joseph Borg, u kien krielha l-garage tieghu biex fih izzomm il-karozza taghha kemm iddum imsiefra. Skond l-attur Joseph Borg u ibnu Lawrence Borg, dan il-ftehim kien sar bi hlas tas-somma ta’ tliet mija u hamsin liri Maltin (Lm350) ghall-ewwel sena. Gara li l-konvenuta siefret u baghet ma rritornatx lura Malta sallum wara li r-relazzjonijiet ma’ zewgha tkissru wkoll.

Fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni, dan it-Tribunal iqis li t-talba ghandha tigi milqugha biss fil-konfront tal-attur Joseph Borg li huwa s-sid tal-garage li nkera lill-konvenuta, u fejn ilha tinzamm il-vettura tal-konvenuta sa mis-sena 2004.

Ghadaqstant jiddeciedi l-kawza billi jilqa' t-talba fir-rigward biss tal-attur Joseph Borg, u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallsu s-somma ta' elf u hamsin liri Maltin (Lm1,050) ekwivalenti ghal elfejn erbgha mija u hamsa u erbghin Euros u erba' u tmenin centesmi [Euros 2,445.84], ammont dovut f'kera lill-istess attur in konnessjoni mal-kiri ta' garage ghas-snin 2004-2005, 2005-2006, u 2006-2007, bl-imghax legali b'effett mid-data meta gie pprezentat l-avviz tat-talba sad-data tal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, inkluza wkoll tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Frar 2007 [Ittra numru 82/2007], kontra l-istess konvenuta. Jichad it-talba fil-konfront tal-attur l-iehor Lawrence Borg, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------